# POLITIKA AMBJENTALI

**Enemalta plc impenjata li tipprovdi servizzi tal-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku lill-klijenti tagħha b'mod sikur u effiċjenti, bl-inqas impatt fuq l-ambjent ta' madwarna.**

**Inħaddnu proċess kontinwu biex inqisu, nevitaw u fejn hu possibbli nnaqqsu l-effetti tal-operat tagħna fuq l-ambjent sabiex nibqgħu intejbu l-kwalità u s-sostenibilità tas-servizzi tagħna.**

**Sabiex nagħmlu dan, inżommu quddiemna dawn il-prinċipji:**

- Permezz ta' moniteraġġ tal-proċessi tagħna naraw li nkunu konformi mal-liġijiet ambjentali kollha, mar-regolamenti u mal-permessi u fejn possibbli, nimmiraw li niksbu riżultati aħjar minn dawk mitluba:
  - billi nkomplu nikkontrollaw u nnaqqsu t-tniġġis u
  - billi nistabbilixxu miri ċari u li jistgħu jiġu mkejla
- Inkomplu nnaqqsu l-konsum tal-enerġija u t-telf fid-distribuzzjoni
- Nagħmlu l-almu tagħna biex innaqqsu u fejn hu possibbli nużaw għal aktar minn darba jew nirriċiklaw il-materjali li neħtieġu għall-operat tagħna
- Innaqqsu l-probabilita' ta' inċidenti ambjentali billi nsegwu studji tar-riskji meqjusa bir-reqqa
- Niżviluppaw pjanijiet ta' emerġenza biex innaqqsu l-konsegwenzi ta' inċidenti ambjentali
- Nedukaw u nħarrġu lill-impjegati tagħna biex jaġixxu b'mod responsabbli lejn l-ambjent
- Nippromwovu prattiċi tajba tal-immaniġġjar ambjentali mall-kuntratturi u l-fornituri tagħna billi nimplimentaw politika ta' sostenibilità fl-akkwisti
- Nipproteġu lill-impjegati, lill-klijenti u lill-ġirien tagħna minn riskji li mhumiex aċċettabbli
- Nkomplu nassistu diversi għaqdiet ambjentali sabiex nipproteġu l-ambjent u nagħmlu l-almu tagħna biex nibnu relazzjonijiet pożittivi u kostruttivi mal-komunitajiet lokali
- Inwettqu u nikkomunikaw analiżi tal-andament ambjentali tagħna biex inkejlu l-prestazzjoni tagħna waqt li niżguraw li nibqgħu konformi mar-rekwiżiti mitluba mil-liġijiet u l-miri quddiemna
- Nipproteġu l-ambjent billi nimminimizzaw it-tniġġis, niżguraw l-użu sostenibbli tar-riżorsi, naħdmu kontra it-tibdil fil-klima u nipproteġu l-bijodiversita' u l-ekosistemi.

**Inġ. Jason Vella**
***Uffiċjal Kap Eżekuttiv***
**Enemalta plc**
**1ta' Diċembru 2020**



Ritratt: www.viewingmalta.com

enemalta
energise your ideas

International
ENERGY SERVICE
CENTRE